

# Aġġornament:
# L-Istatwa ta' San Pawl

**Kitba ta' Paul Callus**



Meta jiena ktibt l-istorja ta' Ħal Safi, ma setax jonqos li ċerta informazzjoni bbażajtha fuq dak li tgħarrfulna storiċi tal-passat. Hekk ġara fil-każ tal-istatwa titulari tagħna, fejn ġa kellna tagħrif dwar meta din saret u min għamilha. L-istoriku Pietru Pawl Castagna, fil-ktieb tiegħu "*Lis Storja ta Malta bil Gzejer Tahha*" jgħid li l-istatwa nħadmet mill-Iskultur Żejtuni Alessandru (Xandru) Farrugia fl-1844. Informazzjoni simili jagħtihielna Alfie Guillamier fil-ktieb "*Bliet u Rħula Maltin*". Min-naħa l-oħra, l-istoriku Ħalluqi Dun Ġużepp Micallef, li kien ferm dedikat u serju fejn tidħol riċerka, jgħid li l-istatwa saret fl-1840. Ħadd minn dawn l-istoriċi, iżda, ma tana referenza ta' kif wasal għal din il-konklużjoni.

Id-data ta' 1840, sa ċertu punt, dehret aċċettabbli meta tqis li dik is-sena, il-festa f'Ħal Safi kienet iċċelebrata bil-kbir. Is-soltu servizzi reliġjużi ma naqsux, filwaqt li nkera ammont doppju ta' damask biex tiżżejjen il-knisja; id-dwal, il-ħruq tan-nar u d-daqq tal-banda ukoll spikkaw. Jien xtaqt li forsi nagħmel xi riċerka oħra biex inkompli nikkonferma din id-data, imma ż-żmien kien kontra tiegħi billi kont marbut li l-ktieb *Ħal Safi* joħroġ f'għeluq l-400 sena minn meta twaqqfet il-Parroċċa Ħalsafija, jiġifieri fl-1998.

Mhux darba jew tnejn li persuni talbuni iżjed tagħrif fuq meta u kif inħadmet l-istatwa ta' San Pawl, u kull darba, kontra qalbi, ngħidilhom li fl-Arkivju Parrokkjali ma kont sibt ebda tagħrif ġdid. Fl-aħħar qtajtha li nerġa' nkompli bir-riċerka dwar dan is-suġġett. Deherli li meta kienet ikkummissjonata l-istatwa aktarx li sar xi tip ta' ftehim. Ippruvajt għalhekk insib qraba dixxendenti ta' Xandru Farrugia biex nara wirtux xi dokumenti li setgħu jitfgħu dawl ġdid fuq din il-vara, iżda ma wasalt imkien.

Bdejt imbagħad infittex l-ismijiet tan-nutara li għexu fil-perijodu li fih saret l-istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi u nara jekk kienx hemm minnhom li kellhom konnessjoni ma' Xandru Farrugia. Iffokajt l-iżjed fuq nutara miż-Żejtun, għax irraġunajt li jekk il-Ħalsafin marru jkellmu lil Xandru ż-Żejtun, aktarx li l-kuntratt x'imkien hemm sar.

Inzerta li ġie f'idejja artiklu li l-Kan. Joe Abela kien kiteb f'pubblikazzjoni tal-Għaqda Mużikali Beland taż-Żejtun fl-1995, dwar l-"Istatwa tal-Marbut" li ħadem Xandru Farrugia. F'dan l-artiklu jissemma n-nutar Żejtuni Feliciano Giardina li għandu kien sar il-kuntratt għal din l-istatwa, u ssemma wkoll li dan in-nutar kien ferm imfittex fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax.

Ġie f'idejja artiklu ieħor miktub fl-2011 minn Dun Jonathan Farrugia dwar l-istatwa titulari tal-Assunta tal-Imqabba. Huwa jsemmi li din l-istatwa, xogħol Xandru Farrugia, kienet ġiet ikkummissjonata fl-1835, u dan jirriżulta minn kuntratt li kien sar għand in-nutar Massimiliano Troisi Menville, miż-Żejtun.

Min jaf...ħsibt bejni u bejn ruħi...seta' jagħti l-każ li wieħed minn dawn iż-żewġ nutara kien l-istess wieħed li għandu sar il-kuntratt tal-istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi. Bla wisq telf ta' żmien stħarriġt biex nara jekk din it-teorija kinitx korretta jew le. Mort diversi drabi fl-Arkivji Notarili li hemm fi Triq M.A. Vassalli l-Belt Valletta, infittex qalb il-kuntratti li saru għand dawn it-tnejn min-nies. Dawk ta' Feliciano Giardina sibthom f'kundizzjoni tajba, imma ta' Massimiliano Troisi Menville qegħdin jaqgħu biċċiet u ħafna mill-folji tagħhom imwaħħlin ma' xulxin. Ir-riċerka titlob iż-żmien, il-kalma u l-paċenzja, imma minkejja dan kollu bqajt ma sibt xejn. M'hemmx x'tagħmel; erġajt bdejt infittex ismijiet ta' nutara oħrajn.

Ħabib Bormliż tiegħi għarrafni li fil-Knisja ta' Sta. Tereża f'Bormla hemm sett gandlieri tal-injam li huma xogħol ta' Xandru Farrugia, u l-kuntratt għalihom



L-ewwel parti tal-kuntratt li sar għand in-Nutar M. Troisi Menville fl-4 ta' Ottubru, 1842.



L-aħħar parti tal-kuntratt li sar għand in-Nutar M. Troisi Menville fl-4 ta' Ottubru, 1842.

kien sar fl-1840 għand in-nutar Vincenzo Trionfi. Kien xaqq dawl ġdid, u mal-ewwel ċans li sibt mort infittex fl-atti notarili tiegħu, imma bqajt ma sibt xejn. Wara li tkun qallibt dak l-ammont ta' kuntratti għalxejn, ma tridx wisq biex tibda taqta' qalbek. Biss, min-naħa l-oħra, lanqas trid iċċedi u toħroġ tellief.

Tkellimt mal-arkivista Noel D'Anastas u dan għenni biex nagħmel kuntatt ma' Dr Joan Abela li hija midħla sew tal-Arkivji Notarili. Bis-saħħa ta' hekk akkwistajt l-ismijiet ta' 4 nutara oħra miż-Żejtun; dawn kienu Annetto Ciaja, Luigi Ellul, Paolo Bosco, u Antonio Montanaro. Erġajt għamilt il-kuraġġ u rħejtilha lejn il-Belt.

Ikkalkulajt li nżomm ma' perijodu ta' għaxar snin li jibda mill-1835 sal-1844. Biex ma noqgħodx intawwal, dawn kollha dorthom, u r-riżultat kien wieħed negattiv. Ktieb minnhom, ta' Paolo Bosco ma sibtux, għalhekk mort infittxu fl-arkivji li hemm fi Triq San Kristofru l-Belt. Il-ktieb hemm kien, imma ma ħadt xejn minnu.

Iżda xi brabi, mill-ħażin tieħu t-tajjeb, u hekk ġara f'dan il-każ. Kif kont f'dan l-arkivju ltqajt ma' Dr John Debono li dak il-ħin ukoll kien qed jagħmel xi riċerka. Spiċċajna nitkellmu dwar ir-riċerka li kont qiegħed nagħmel jien u qalli li hu kien ġa kiteb artiklu riċerkat fuq Xandru Farrugia. Mhux hekk biss, iżda offra li jibgħatli kopja ta' dan l-artiklu (*L-istatwa Titulari ta' Ħal Tarxien u l-Iskultur Tagħha,* Parroċċa Ħal Tarxien Festa ta' Marija Annunzjata 2006), ħaġa li għamilha dak inhar stess. U ġara, allura, li bis-saħħa ta' hekk, ġew f'idejja l-ismijiet ta' żewġ nutara li kellhom x'jaqsmu mal-istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi. Wieħed minnhom kien Massimiliano Troisi Menville u l-ieħor Felice Camenzuli. Tal-ewwel kont diġà dort il-kotba tiegħu, imma minħabba l-kundizzjoni ħażina li jinsabu fihom, dan il-kuntratt kien qabiżli. In-nutar l-ieħor ma kellix idea tiegħu.

L-għada filgħodu mort fl-Arkivji fi Triq M.A. Vassalli biex nikkonferma l-informazzjoni li tani Dr J. Debono. Bdejt mill-kuntratti ta' Massimiliano Troisi Menville u fittixt bl-akbar attenzjoni. U fl-aħħar tfaċċa dak il-kuntratt li għalija kien jiswa mitqlu deheb. Fhimt għala ma kontx rajtu qabel, għax il-folji ta' qablu u ta' warajh kienu weħlu u ħbewh bejniethom. Ma kinitx ħaġa faċli li nifridhom minn xulxin, imma rnexxieli. Xtaqt nagħmel kopja tal-kuntratt, biss il-kundizzjoni ħażina ma ppermettietx li jsiru fotokopji. Imnalla kelli l-*camera* miegħi u stajt nieħu xi ritratti mingħajr l-użu tal-*flash*.

F'dan il-kuntratt prezzjuż li tfassal għand **Massimiliano Troisi Menville** nhar l-**4 ta' Ottubru tas-sena 1842** [63/1092, ff. 346r-v – 347r-v] sar ftehim, bejn il-Kappillan ta' Ħal Safi Dun Ġwann Caruana (li miegħu kellu lil Michel'Angelo Abdilla bin Francesco, prokuratur tal-fondazzjoni tal-mejjet Dun Francesco Bugeja) u Xandru Farrugia, biex dan tal-aħħar jiskolpixxi statwa li turi lil San Pawl qed jipprietka.





Il-kuntratt li sar għand in-Nutar F. Camenzuli fis-16 ta' Novembru 1843. [f. 157r-v)

Kellu jintuża njam li fil-kitba ssemma bħala *legno di ponente*. Xandru Farrugia kellu jindura l-istatwa skont il-mudell li aktar qabel kien ingħata lill-Kappillan Caruana, liema mudell il-Kappillan kellu jżommu għalih.

Minbarra l-istatwa, Xandru Farrugia ntrabat li jagħmel ukoll il-pedestall, il-bradella, il-lasti u 4 forċini. Intlaħaq ftehim dwar il-prezz totali li kien ta' 250 skud. Dakinhar li sar il-kuntratt Xandru Farrugia tħallas 52 skud bil-quddiem. Kien hemm ukoll klawsola li kienet tistipula li x-xogħol kollu ried jitlesta sal-25 ta' Novembru 1843. Klawsola importanti oħra kienet torbot lill-iskultur biex l-istatwa tinħadem fuq ix-xebh artistiku tal-vara titulari ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, dik maħduma fl-1656 minn Melchiorre Gafà. [Dan juri li l-Ħalsafin, minbarra l-ġibda li dejjem ħassew għall-festa ta' San Pawl tal-Belt, kellhom ukoll ammirazzjoni u stima kbira kemm lejn l-istatwa Beltija kif ukoll lejn l-iskultur ta' fama li ħadimha.]

[Fit-12 ta' Lulju 1840, sentejn u tliet xhur qabel din id-data li fiha sar il-kuntratt, Dun Ġwann Caruana mis-Siġġiewi kien ħa l-pussess bħala Kappillan ta' Ħal Safi, u nimmaġina li l-ewwel proġett importanti li daħal għalih kien dan tal-istatwa ta' San Pawl.]

F'kuntratt li sar iż-Żejtun, għand in-nutar **Felice Camenzuli** nhar is-**16 ta' Novembru 1843** [4/657 (1843-1844), ff. 157r-v] Xandru Farrugia ddikjara li tħallas 75 skud, il-bilanċ li kien baqagħlu jieħu mill-ammont ta' 198 skud li kien jonqsu jieħu skont l-ewwel kuntratt li kien sar għand M. Troisi Menville. Dan juri li x-xogħol kollu issa kien tlesta u tħallas kif miftiehem għas-sodisfazzjon taż-żewġ naħat. [Il-kuntratt sar għand dan in-nutar ġdid peress illi l-aħħar kuntratti li saru għand M. Troisi Menville kienu fi Frar tal-1843.] Mela din is-sena l-istatwa tagħlaq **170** sena mindu tlestiet fl-**1843**.

Kull ma kien jonqos kien li l-istatwa tittieħed Ħal Safi biex imbagħad tiżżanżan għall-festa li kien imiss, ċoè dik tal-**25 ta' Jannar tal-1844**. Din id-data, mil-lum 'il quddiem, se jkollha sinifikat importanti għalina l-Ħalsafin. Issa nistgħu nħarsu ħerqana lejn is-sena li jmiss meta nkunu qegħdin niċċelebraw il-**170** anniversarju minn meta l-vara tagħna ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba waqt il-festa għażiża tal-Konverżjoni ta' San Pawl f'Ħal Safi.

**Ir-residenti huma mitlubin jikkooperaw mal-pulizija u fil-ġranet tal-festa jħallu t-toroq ħielsa mill-karozzi skont id-direzzjoni tal-pulizija.**


Micallef Joe Travel
93, Triq San Tumas, Ħamrun
Tel: 2122 8586 / 2722 8586 • Fax: 2122 8587 • Mob: 9947 1167
Email: info@micallefjoetravel.com
www.micallefjoetravel.com

MICALLEF JOE TRAVEL ĠITI SAJF 2013

- Ġiti ta' ġurnata lejn Sqallija fosthom xiri mis-suq ta' Catania / Taormina / Etna / Ragusa Ibla / Gole d'Alcantara / Etnaland / Auchan / Noto / Siracusa / Diga di Santa Rosalia...
- Erbat ijiem lejn Taormina
- Ħamest ijiem lejn Palermo / Ruma
- Sitt ijiem għall-festa ta' Santa Maria
- Sitt ijiem lejn Reggio Calabria

*Kopja tal-browxer tista' tinġabar mill-aġenzija.*

HADD MA JISTA' JURIK SQALLIJA AĦJAR!

